Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

21 ta' Marzu, 2000

ATT Nru. IX ta' l-2000

ATT biex jipprovdi għal emenda fit-titlu ta' Ministri responsabbli għal ċerti dikasteri f'diversi liġijiet u għall-ħatra ta' Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-2000 dwar it-Tismija ta' Ministri f'Diversi Liġijiet. Titolu fil-qosor.

2. Il-Kodiċi Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda tal-Kodiċi Civili, Kap. 16.

(a) fl-artikolu 268 tiegħu, minflok il-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku"; u

(b) fl-artikolu 271 tiegħu, minflok il-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku".

3. L-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kap. 55.

(a) minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 14 u 22 sa fejn jirreferixxu għall-karigi ta' Nutar Prinċipali tal-Gvern, Nutar tal-Gvern, Nutar Pubbliku fid-Dipartiment ta' l-Artijiet u Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Kongunt, ebda persuna li jkollha kariga bi ħlas taħt il-Gvern, minbarra l-kariga ta' Direttur jew ta' Assistent Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew ta' Direttur jew ta' Assistent Direttur tar-Reġistru ta' l-Artijiet, ma tista' tiġi maħtura bħala nutar:

Iżda d-Direttur jew l-Assistent Direttur tar-Reġistru Pubbliku u d-Direttur jew l-Assistent Direttur tar-Reġistru ta' l-Artijiet ma jistax jeżerċita ta' nutar ħlief bħala Nutar Prinċipali tal-Gvern jew Nutar tal-Gvern.";

(b) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 tiegħu, minflok il-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(ċ) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tiegħu, minflok il-kliem "il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "il-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili" u minnufih wara l-kliem "mill-Arkivist" għandhom jidħlu l-kliem "jew mid-Direttur tar-Reġistru ta' l-Artijiet";

(d) l-artikolu 14 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-proviso li hemm mal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) minflok il-kliem "l-Awtorita` tad-Djar taħt" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorita` tad-Djar jew Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt taħt"; u

(ii) fis-subartikolu (3) minflok il-kliem "l-Awtorita` tad-Djar ma jispiċċax" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorita` tad-Djar jew Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt ma jispiċċax";

(e) l-artikolu 18 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tal-proviso, minflok il-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(ii) fi tmiem il-paragrafu (b) tal-proviso minflok il-kliem "l-Awtorità tad-Djar." għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità tad-Djar; u" u minnufih wara għandu jiżdied dan li ġej:

"(ċ) il-konservatur *ex officio* ta' l-atti u reġistri ta' dawk li kienu nutara ma' l-Uffiċċju Konġunt ikun in-Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt, u meta l-kariga ta' Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Kongunt tkun vakanti, il-konservatur ta' l-Arkivji ta' Malta jkun *ex officio* l-konservatur ta' l-atti u r-reġistri ta' dawk li kienu nutara ma' l-Uffiċċju Konġunt.";

(f) l-artikolu 22 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) minflok il-kliem "u Nutar Pubbliku ma' l-Awtorita` tad-Djar" għandhom jidħlu l-kliem ", Nutar Pubbliku ma' l-Awtorita` tad-Djar u Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt";

(ii) fis-subartikolu (2) minflok il-kliem minn "fid-Dipartiment ta' l-Artijiet" sa "ikunu maħtura" għandhom jidħlu l-kliem "fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, in-Nutar Pubbliku ma' l-Awtorita` tad-Djar u n-Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt ikunu maħtura";

(iii) fis-subartikolu (3) minflok il-kliem minn "fid-Dipartiment ta' l-Artijiet" sa "ikunu" għandhom jidħlu l-kliem "fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, in-Nutar Pubbliku ma' l-Awtorita` tad-Djar u n-Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt ikunu";

(iv) fis-subartikolu (5) minnufih wara l-kliem "ma' l-Awtorita` tad-Djar" għandhom jidħlu l-kliem "jew Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt" u minnufih wara l-kliem "jew tan-Nutar Pubbliku ma' l-Awtorita` tad-Djar" għandhom jidħlu l-kliem "jew tan-Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt"; u

(v) fis-subartikolu (6) minnufih wara l-kliem "tar-Reġistru Pubbliku" għandhom jidħlu l-kliem "jew Direttur jew Assistent Direttur tar-Reġistru ta' l-Artijiet";

(ġ) l-artikolu 23 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) minflok il-kliem "tal-Gvern u" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Gvern," u wara l-kliem "ta' l-Artijiet" għandhom jiżdiedu l-kliem "u n-Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt"; u

(ii) fis-subartikolu (2) minflok il-kliem "Kemmuna u" għandhom jidħlu l-kliem "Kemmuna," u minnufih wara l-kliem "ta' l-Artijiet" għandhom jiżdiedu l-kliem "u n-Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt";

(h) fl-artikolu 24 tiegħu, minnufih wara l-kliem "l-Awtorita` tad-Djar" għandhom jidħlu l-kliem "jew għan-Nutar Pubbliku ma' l-Uffiċċju Konġunt";

(i) fl-artikolu 93 tiegħu u fin-nota marġinali relattiva, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(j) fl-artikolu 94 tiegħu u fin-nota marġinali relattiva, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(k) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 96 tiegħu, minflok il-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(l) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 107 tiegħu, minflok il-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(m) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 110 tiegħu, minflok il-kliem "l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "l-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(n) fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 116 tiegħu, minflok il-kliem "lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(o) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 146 tiegħu, minflok il-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili";

(p) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 152 tiegħu, minflok il-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili"; u

(q) fit-Tasqsima II ta' l-Iskeda li tinsab miegħu, fil-paragrafu 49 tagħha, minflok il-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-gustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili".

Emenda ta' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, Kap. 56.

4. L-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fl-artikolu 12 tiegħu, minflok il-kliem "l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "l-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku"; u

(b) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 39 tiegħu, minflok il-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku".

5. Fi tmiem l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65.

"(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kelma "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-trasport.".

6. Fl-artikolu 15 ta' l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, minflok il-kliem "Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku". Emenda ta' l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, Kap. 158.

7. L-Att dwar l-Immigrazzjoni għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217.

(a) fl-artikolu 2 tiegħu, minflok il-kliem " "Ministru tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem " "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni;";

(b) fl-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-intern" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(ċ) fl-artikolu 4 tiegħu:

(i) fil-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Prim Ministru" fit-test Malti għandha tidħol il-kelma "Ministru"; u

(ii) fis-subartikoli (2) u (3) tiegħu, minflok il-kliem "Prim Ministru" kull fejn dawn jinsabu għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(d) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 tiegħu, minflok il-kliem "Prim Ministru" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(e) fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-artikolu 11 tiegħu, minflok il-kliem "Prim Ministru" kull fejn dawn jinsabu għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(f) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 tiegħu, minflok il-kliem "Prim Ministru" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(ġ) fil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 tiegħu, minflok il-kliem "Prim Ministru" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(ħ) fil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14 tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-intern" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(i) fil-proviso għall-artikolu 19 tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-intern" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(j) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 20 tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-intern" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(k) fis-subartikoli (1), (2), (6) u (7) ta' l-artikolu 22 tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-intern" kull fejn dawn jinsabu, għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(l) fil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 25 tiegħu, minflok il-kliem "Prim Ministru" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(m) minflok in-nota marginali li hemm ma' l-artikolu 26 u minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"Delega ta' setgħat mill-Prim Ministru u mill-Ministru.

26. (1) Il-Prim Ministru u l-Ministru jista' kull wieħed minnhom jawtorizza bil-miktub lil uffiċjal pubbliku mhux taħt il-grad ta' Kap ta' Dipartiment biex jeżerċita minfloku s-setgħat kollha jew uħud minnhom mogħtija lilu bħala Prim Ministru jew Ministru, skond il-każ, b'dan l-Att, minbarra għar-rigward tal-Prim Ministru s-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 u għar-rigward tal-Ministru responsabbli għall-intern is-setgħat mogħtija bil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14 u bl-artikolu 36:

Iżda l-Prim Ministru u l-Ministru jista', kull wieħed minnhom, skond il-każ, jawtorizza taħt dan is-subartikolu persuni differenti għal skopijiet differenti.".

(n) fis-subartikoli (3) u (6) ta' l-artikolu 31 tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-intern" għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(o) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 35 tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-intern" kull fejn dawn jinsabu għandha tidħol il-kelma "Ministru";

(p) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 36 tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għall-intern" għandha tidħol il-kelma "Ministru".

8. Fit-tifsira ta' "Ministru" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar iz-Żwieġ, minflok il-kliem "il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja" għandhom jidħlu l-kliem "il-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku". Emenda ta' l-Att dwar iz-Zwieġ, Kap 255.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 261 tat-13 ta' Marzu, 2000.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati